



Brussell, 9 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

15754/25

**ECOFIN 1575**

**UEM 573**

**FIN 1428**

**ECB**

**EIB**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-  
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni  
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja

---

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021  
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup>, u b' mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara li l-Greċja ppreżentat il-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan”) tagħha fis-27 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet lill-Kunsill biex tagħtih valutazzjoni pożittiva. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni<sup>2</sup> (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”). Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta’ Diċembru 2023<sup>3</sup>, tas-16 ta’ Lulju 2024<sup>4</sup>, tal-21 ta’ Jannar 2025<sup>5</sup> u tat-18 ta’ Lulju 2025<sup>6</sup>.
- (2) Fit-3 ta’ Novembru 2025, il-Greċja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 tiġi emendata f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li, parzjalment l-RRP ma għadux jista’ jinkiseb, minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq din il-bażi, il-Greċja ppreżentat RRP emendat.

***Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241***

- (3) L-emendi tal-RRP ppreżentati mill-Greċja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 150 miżura.

---

<sup>2</sup> Ara d-dokumenti ST 10152/21 and ST 10152/21 ADD 1 f’ <http://register.consilium.europa.eu>.

<sup>3</sup> Ara d-dokumenti ST 15831/23 REV1; u ST 15831/23 ADD 1 REV 1. f’ <http://register.consilium.europa.eu>.

<sup>4</sup> Ara d-dokumenti ST 11858/24; ST 11858/24 COR 1; ST 11858/24 ADD 1; u ST 11858/24 ADD COR 1 f’ <http://register.consilium.europa.eu>.

<sup>5</sup> Ara d-dokumenti ST 17055/24 ; ST 17055/24 ADD 1 u; ST 17055/24 ADD 1 COR 1 f’ <http://register.consilium.europa.eu>.

<sup>6</sup> Ara d-dokumenti ST 11101/25 u ST 11101/25 ADD1 f’ <http://register.consilium.europa.eu>

- (4) Il-Greċja spjegat li tmien miżuri ma għadhomx, parzjalment jew totalment, jistgħu jinkisbu minħabba dewmien mhux mistenni relatat ma' proċeduri tal-akkwist pubbliku. Dan jikkonċerna l-miżuri 16285 (Investimenti fin-network ta' irrigazzjoni nazzjonali permezz ta' skemi PPP), 16851 (Protezzjoni tal-bijodiversità bħala mutur għat-tkabbir sostenibbli), 16823 (Strateġija u politiki taċ-ċibersigurtà għas-Settur Pubbliku u servizzi ta' sigurtà avvanzata għall-infrastrutturi kritiċi nazzjonali, 16827 ( Strateġija dwar il-Governanza tad-Data u politiki tas-Settur Pubbliku, )16934 ( Titjib tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali,) 16757 (Stabiliment ta' Ċentru tar-Radjoterapija fl-Isptar tal-Mard Toraçiku "Sotiria" ta' Ateni,) u 16925 (Trasformazzjoni Diġitali tas-sistema ta' appoġġ soċjali. Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Barra minn hekk, il-Greċja talbet li tneħħi l-miżura 16621 (Estroverzjoni tal-Ekosistema tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Greċja). Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata b'mod xieraq.
- (5) Il-Greċja spjegat li tmien miżuri ma għadhomx, parzjalment, jistgħu jinkisbu minħabba domanda aktar baxxa milli kien mistenni. Dan jikkonċerna l-miżuri 16874 (Enerġija u intraprenditorija), 16706 (Trasformazzjoni Diġitali tal-SMEs), 16711 ( Professjonalizzazzjoni tad-dominju tal-Akkwist Pubbliku, inkluż permezz tat-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-investimenti pubbliċi, it-titjib tal-qafas tal-akkwist pubbliku, il-miżuri għall-bini tal-kapaċità u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni), 16584 (Proposti għal azzjonijiet fis-Settur tal-Akkwakultura), 16626 (Trasformazzjoni ekonomika fis-Settur Agrikolu), 16634 (Parks Industrijali Ġodda,) 16931 ( Żvilupp tat-Turiżmu) u 16593 (Emenda tal-qafas legali għall-attrazzjoni ta' investiment strateġiku). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata b'mod xieraq.

- (6) Il-Greċja spjegat li miżura waħda ma għadhiex, totalment, tista' tinkiseb minħabba interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista. Dan jikkonċerna l-miżura 16996 (Installazzjoni tal-ħżin tal-enerġija għal penetrazzjoni addizzjonali tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li dik il-miżura titneħħa. Jenħtiegħ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata b'mod xieraq.
- (7) Il-Greċja spjegat li ħames miżuri ma għadhomx, parzjalment jew totalment, jistgħu jinkisbu minħabba kwistjonijiet legali mhux previsti, inklużi litigazzjonijiet tal-qorti. Dan jikkonċerna l-miżuri 16291 (Trasformazzjoni diġitali tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa u tad-Dwana ) 16911 (Mezzi tal-ajru għall-ġestjoni tal-kriżijiet), 16794 (Tisħiħ tas-Sistema tal-Apprendistat, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-ħiliet), 16630 (Awtostrada tat-Tramuntana ta' Kreta (B.O.A.K.)). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Barra minn hekk, il-Greċja talbet li titneħħa l-miżura 16785 – (Reġistru tat-Turiżmu e-MHTE). Jenħtiegħ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata b'mod xieraq.
- (8) Il-Greċja spjegat li erba' miżuri ma għadhomx, parzjalment, jistgħu jinkisbu minħabba sfidi tekniċi mhux mistennija. Dan jikkonċerna l-miżuri 16778 (Diġitalizzazzjoni tal-arkivji u servizzi relatati), il-miżuri 16793 (Proġett għall-kostruzzjoni ta' bini ddedikat għat-Terapiji Ċellulari u Ġeni u l-Laboratorji Kliniċi tal-Ematoloġija fl-Isptar Ġenerali "Papanikolaou" ta' Tessaloniki), 16904 ( Diżabilità) u 16919 (Protezzjoni tat-tfal). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtiegħ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata b'mod xieraq.

- (9) Il-Greċja spjegat li ġew emendati 16-il miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna l-miżuri 16872 (Rinnovazzjoni tal-enerġija fuq bini residenzjali), 16873 (Interventi f'żoni residenzjali u fl-istokk tal-bini), 16401 (Programm ta' Aġġornament tal-Enerġija "Upgrade my Home"), 16831 (Produc-E Green), 16924 (Elettromobbiltà), 16779 (Żvilupp tas-servizzi tal-Interoperabbiltà u tal-web), 16964 (Ċentru ta' Interoperabbiltà tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (KED),) 16795 (Infrastruttura tas-saħħa), 16755 (Riforma tas-Sistema tal-Kura tas-Saħħa Primarja), 16982 (Riforma organizzazzjonali fis-settur tal-ferroviji), 16999 ( Restawr tal-Aċċessibbiltà wara l-effetti devastanti tal-maltempati "DANIEL" u "ELIAS"), 16735 (Użu tal- "arti fuq il-preskrizzjoni", il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, u l-isfruttament tal-ekonomija tal-fidda), 16989 (Ottimizzazzjoni tal-użu tal-ispazju tal-art u tal-baħar għall-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli u mir-riħ lil hinn mill-kosta), 16980 (Faċilità ta' Self tal-RRP), 16993 (Pjan direzzjonali għal interventi innovattivi tal-effiċjenza enerġetika u l-identifikazzjoni ta' strument finanzjarju ġdid) u 16995 (Proġett għall-produzzjoni tal-Idroġenu rinnovabbli). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li daww ilmiżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.

- (10) Il-Greċja spjegat li ġew emendati 88 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri 16870 –(Interventi għall-interkonnessejoni tal-elettriku tal-gżejjer u l-aġġornament tan-network tal-elettriku), 16871 (Azzjonijiet ta' rivitalizzazzjoni tat-territorji l-aktar affettwati (Territorji ta' tranżizzjoni ġusta), 16899 (Żieda fil-kapaċità installata fis-substazzjonijiet Vultaġġ Għoli/Vultaġġ Medju tal-Operatur tan-Network tad-Distribuzzjoni tal-Elettriku Elleniku - (HEDNO) għal konnessjoni RES ġdida), 16900 (Titjib tan-network fl-għoli tal-Operatur tan-Network tad-Distribuzzjoni tal-Elettriku Elleniku HEDNO fiż-żoni tal-foresti), 16901 (Titjib tan-network HEDNO bl-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza u jiġi protett l-ambjent), 16926 (Appoġġ tal-installazzjoni ta' sistemi ta' ħżin biex tittejjeb il-penetrazzjoni tar-RES), 16875 (Żvilupp industrijali u restawr tal-bini f'dak li kien id-dominju rjali ta' Tatoi), 16932 (Ċentru Atletiku Olimpiku ta' Ateni), i 16894 ( Stabbiliment ta' ppjanar spazjali speċjali ġdid għall-enerġija rinnovabbli, l-industrija u t-turiżmu), 16850 (Provvista tal-Ilma tax-Xorb u Infrastrutturi ta' ffrankar, 16909 – (Stabbiliment ta' Ġestjoni Nazzjonali tal-Ġestjoni tad-Diżastri strateġika), 16910 (Sistema ta' Ġestjoni u Kontroll), 16912 (Tagħmir għat-tifi tan-nar, għall-prevenzjoni u għar-rispons fil-foresti), 16983 – (Spezzjoni preliminari tar-reżistenza sismika tal-bini), 16772 (Liġi dwar il-ġestjoni tal-iskart għall-implimentazzjoni ta' rimi fil-miżbliet u r-riċiklaġġ sostenibbli), 16855 (Satelliti żgħar), 16844 (Tranżizzjoni għat-teknoloġija 5G, l-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' servizz remot innovattiv), 16736 (Sistema Ġdida għall-Akkwist Pubbliku), 16791 (Trasformazzjoni Diġitali tal-Organizzazzjoni Nazzjonali Griega tat-Turiżmu), 16810( CRM for the General Government), 16742( Trasformazzjoni Diġitali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin), 16782 (Interkonnessjoni u interoperabbiltà tar-reġistri, sistemi u servizzi għall-iskambju tad-data bejn organizzazzjonijiet pubbliċi nazzjonali),

16824 (Reġistri elettroniċi), 16928 ( Inkorporazzjoni ta' teknoloġiji u xejriet ġodda għas-servizzi avvanzati tal-Amministrazzjoni Pubblika, żieda fl-effiċjenza u l-effikaċja, u t-tnaqqis tal-kostijiet tal-operat, l-aġġornament u l-manutenzjoni ta' sistemi), 16854 (Bliet intelliġenti), 16842 ( BI Ċentrali - Analitika tad-Data), 16956 (Estensjoni ta' Syzefksis II), 16973 ( Stabbiliment ta' ekosistema diġitali tan-negozju u introduzzjoni ta' inċentivi tat-taxxa għall-faċilitazzjoni tat-trasformazzjonali diġitali tal-SMEs), 16922 (Integrazzjoni Soċjali), 16746 ( Riforma tal-Politiki Passivi tas-Suq tax-Xogħol biex jiġu appoġġati Tranżizzjonijiet għall-Impjiegi), 16747 (Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol), 16750 (Trasformazzjoni Diġitali tas-Sistemi tax-Xogħol), 16941 (Ristrutturar u l-immarkar mill-ġdid tal-OAED lokali tal-PES (KPA2)), 16942 -(Trasformazzjoni Diġitali tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi (DYPA)), 16289 (Strateġija għall-Eċċellenza fl-Universitajiet u Innovazzjoni), 16792 ( Ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol permezz ta' mudell ta' taħriġ riformat (Edukazzjoni Vokazzjonali u Taħriġ Riformat), 16913 (Strateġija Ġdida għall-Kisba ta' Ħiliet Tul il-Ħajja: L-immodernizzar u t-Titjib tas-Sistema ta' Titjib tal-Ħiliet u ta' Taħriġ mill-Ġdid tal-Greċja), 16676 (Trasformazzjoni diġitali tal-Edukazzjoni, 16933 Titjib tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali), 16816 (Riformi u aċċellerazzjoni tal-investimenti fis-Settur tal-Kura tas-Saħħa), 16753(Stabbiliment ta' sistemi ta' Kura tas-Saħħa fid-dar), 16984 ( Riforma tat-tabib personali), 16726(Ottimizzazzjoni tal-Benefiċċji Soċjali), 16685 (Sensibilizzazzjoni dwar id-diversità), 16402(Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli), 16688 ( Promozzjoni tal-integrazzjoni tal-popolazzjoni tar-refuġjati), 16763 (Trasformazzjoni diġitali tas-sistema tal-immigrazzjoni u tal-ażil), 16611 (Trasformazzjoni diġitali tal-awditi tat-taxxa), 16643 (Kodifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa), 16952 (Tisħiħ tal-qafas nazzjonali kontra l-korruzzjoni, 16701 (Tisħiħ tan-network tal-għajnuna mill-Istat),

16703 (Ġlieda kontra l-kummerċ illegali u protezzjoni tal-proprjetà intellettuali), 16972 (Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika), miżura 16974 (Riforma tal-Kontabilità), 16705 (Trasformazzjoni tal-Ġestjoni Fiskali u s-Superviżjoni fil-Governanza), 16940 (Modernizzazzjoni tal-Fond Elleniku tad-Depożitu ta' Kunsens u ta' Self), 16986 (Tlestija tal-katast nazzjonali), 16292 (Bini ġdid Ġudizzjarju u Rinnovazzjoni), 16727 (Trasformazzjoni Diġitali tal-Ġustizzja (E-Justice)), 16575 (Aċċellerazzjoni tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja), 16581 (Superviżjoni u affidabbiltà mtejbja tas-suq tal-kapital), 16957 (Tisħiħ tal-kapaċità tas-sistema finanzjarja biex tegħleb l-isfidi antiki u tiffinanzja l-ekonomija reali), 16580 (implimentazzjoni tal-qafas ġdid unifikat tal-insolvenza għar-ristrutturar tad-dejn u t-tieni opportunità), 16618 (Basic & Riċerka Applikata), 16624 (Ħolqien Espansjoni Aġġornament tal-Infrastrutturi taċ-Ċentri tar-Riċerka taħt is-superviżjoni tas-Segretarjat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (GSRI)), 16654 (TH<sup>2</sup>ORAX: Sistema Trellis Holistic & Hybrid Operational Ruggedized Autonomous eXemplary), 16971 (Riċerka Ħolqien Innovazzjoni), 16622 (ORIZZONT 2020 "Siġill ta' Eċċellenza": il-finanzjament tal-kumpaniji innovattivi ewlenin), 16628 — Triq Ewlenija fil-Greċja Ċentrali E-65: Taqsima Trikala- Egnatia), 16892 (Titjib tal-ferroviji suburbani ta' Attika tal-Punent), 16833 (Implimentazzjoni ta' xogħlijiet ta' sikurezza tal-ajruport), 16959 (Trasformazzjoni Diġitali tal-Organizzazzjoni Ellenika tal-Ferroviji), 16786 (Simplifikazzjoni tal-Proċeduri tal-Ministeru tal-Infrastruttura & Trasport), 16293 (kultura bħala mutur tat-tkabbir), 16433 (Protezzjoni ta' monumenti kulturali u siti arkeoloġiċi mit-tibdil fil-klima), 16721 (Aċċellerazzjoni tal-manifattura intelliġenti), 16725 (Titjib tal-edukazzjoni tal-arti oġhla), 16485 (Rotot Kulturali f' Siti u Monumenti Arkeoloġiċi Emblematiċi),

16435( Restawr Konservazzjoni Titjib tal-Monumenti tal-Akropoli), 16921 (Taħriġ mill-  
ġdid u Titjib tal-Ħiliet fit-Turiżmu), 16937 (Sistema ta' Ġestjoni tal-Programm Integrat  
Diġitali għall-Amministrazzjoni tax-Xogħlijiet Tekniċi u l-Assi Strutturali tal-Ministeru  
tal-Infrastruttura u t-Trasport), 16975(Interventi Aġġornati għall-Portijiet Reġjonali),  
16944 (Pjan direttur għat-tiġdid tal-flotta Griega tat-trasport tal-passiġġieri bil-baħar),  
16543 (Azzjonijiet għas-simplifikazzjoni tal-ambjent tan-negozju u l-aġġornament tiegħu  
fil-kwalità u s-sikurezza), 16988(Qafas regolatorju u operazzjonali tas-suq għat-teknoloġiji  
tal-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju biex titrawwem id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija),  
16990 (Kapaċità tal-grilja u tal-ħżin – it-trawwim ta' investimenti tal-ħżin), 16991 (Qafas  
regolatorju lejn grilja intelliġenti) u 16992 (Sett ta' għodod biex jipromwovi l-  
kondivizzjoni tal-enerġija, l-awtokonsum u l-Komunitajiet tal-Enerġija rinnovabbli). Abbażi  
ta' dan, il-Greċja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta'  
Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata b'mod xieraq.

- (11) Wara t-tneħħija jew it-tnaqqis tal-livell tal-miżuri ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Greċja talbet li l-livell tal-implimentazzjoni ta' 17-il miżura jiżdied. Dan jikkonċerna l-miżuri 16879 - (Preparazzjoni tal-Pjanijiet Urbani fl-implimentazzjoni tar-riforma tal-politika urbana), 16846 (Infrastrutturi ta' Ġestjoni tal-Iskart Urban u tal-Ħama mit-Trattament tal-Ilma Mormi), 16849 (Pjan Nazzjonali ta' Reforestazzjoni u l-investment ewlieni ta' Parnitha), 16955 (Aġġornament tal-infrastruttura u tas-servizzi tal-Cloud-computing tal-Infrastrutturi Nazzjonali għar-Riċerka u t-Teknoloġija (GRNET)), 16818 (Infrastruttura ottika bil-fiber fil-bini), 16780 (Aktar Modernizzazzjoni tal-Ħwienet Waħda tal-Amministrazzjoni Pubblika), 16929 (Lejn is-servizzi orjentati lejn il-klijent tal-Amministrazzjoni Pubblika permezz tas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-proċessi, it-titjib tas-sistemi u l-konformità mal-istrateġiji u l-politiki Ewropej), 16756 (Riformi Organizzattivi fis-Sistema tas-Saħħa), 16752 (Trasformazzjoni Diġitali tas-Saħħa (DigHealth)), 16783 (Implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali għall-Prevenzjoni tas-Saħħa Pubblika "Spiros Doxiadis" (NPP "SD")), 16486 (Mużew ta' antikitajiet taħt l-ilma), 16631 (Aġġornament dwar is-Sikurezza fit-Toroq), 16653 (Trasformazzjoni Diġitali tas-Settur Agroalimentari), 16536 – (Aġġornament tal-infrastruttura, tiġdid tat-tagħmir u aġġornament tal-kwalità tas-servizzi pprovduti mill-ħażniet tal-HOCRED — eks ARF Stores (fuq il-post u elettroniċi)), 16994 (Effiċjenza Enerġetika u promozzjoni tar-RES għall-awtokonsum) u 16960 (Infrastruttura Intelliġenti b'attenzjoni ambjentali u kulturali), Barra minn hekk, il-Greċja talbet li jiżdiedu tliet miżuri ġodda. (Dan jikkonċerna l-miżuri 16403 – (Injezzjoni Kapitali Ripagabbli fil-Bank Elleniku għall-Iżvilupp, (16405 Valutazzjoni tal-Pilastri tal-Bank Elleniku għall-Iżvilupp) u 16404 - (Programm ta' Żvilupp tal-Gvern Lokali "Antonis Tritsis")). Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata b'mod xieraq.

### ***Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri***

- (12) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Greċja.

### ***Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni***

- (13) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

### ***La tagħmilx ħsara sinifikanti***

- (14) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u l-kriterju 2.4 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u ta' proġetti tal-investimenti inklużi f'dan l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").

---

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj>).

- (15) Il-RRP emendat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-metodoloġija stabbilita fl-Avviż tal-Kummissjoni “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta’ “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>8</sup>”. Il-valutazzjoni ssir b’mod sistematiku għal kull riforma u investiment modifikati skont l-approċċ f’żewġ stadji. Il-valutazzjoni tikkonkludi li għall-miżuri modifikati kollha, ma hemm l-ebda riskju ta’ ħsara sinifikanti. Fejn meħtieġ, ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” huma minqusa fit-tfassil ta’ miżura u speċifikati fi stadju importanti jew f’mira ta’ dik il-miżura. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, jista’ jiġi konkluż li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

***Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluż il-bijodiversità***

- (16) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u l-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira tagħhom (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 37,6 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat u 98,7 % tal-kostt totali stmat tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f’konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F’konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021–2030.

---

<sup>8</sup> ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

- (17) L-RRP emendat isostni miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri klimatiċi tal-2030-2050 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050, kif ukoll għat-trawwim tal-bijodiversità. Pereżempju, taħt il-Miżura 16994 huwa mistenni li 161 455 ħiter tal-ilma solari u 36 600 pompa tas-šana se jinkisbu minn unitajiet domestiċi, inkluż b'riżultat ta' miri speċifiċi stabbiliti għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

### ***Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali***

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u l-kriterju 2.6 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 22,3 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (19) Il-miżuri fl-RRP emendat ikompli jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew biex jgħinu jindirizzaw l-isfidi relatati u jindirizzaw b'mod pożittiv in-nuqqasijiet tal-Greċja fil-qasam diġitali kif identifikati fit-tieni r-rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali. L-RRP emendat ikompli jindirizza b'mod sinifikanti l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali li qed tiffaċċja l-Greċja fl-oqsma tal-konnettività, tas-servizzi pubbliċi diġitali, tal-kapital uman u l-ħiliet diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u l-adozzjoni ta' teknoloġija diġitali avvanzata.

### ***Il-kalkolu tal-kostijiet***

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (21) Il-Greċja tat biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-kostijiet stmati ma kinux koperti mill-finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Madankollu, f'għadd limitat ta' każijiet, l-istimi tal-kostijiet ma setgħux jiġu sostanzjati biżżejjed. B'mod ġenerali, dan jiġġustifika klassifikazzjoni ta' B skont il-kriterju ta' valutazzjoni tal-Artikolu 19(3), il-punt (i), tar-Regolament (UE) 2021/241. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kosti totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

### ***Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni***

- (22) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Greċja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (da), (db), (g), (h), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

***Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet tal-investiment li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform)***

- (23) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>9</sup>, il-Greċja qieset bħala proġetti ta' prijorità dawk il-proġetti li skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, il-Greċja qieset li l-ebda proġett bħal dawn ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba li l-iskeda ta' żmien tagħhom tmur lil hinn mill-2026.

***Valutazzjoni pożittiva***

- (24) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

---

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP"), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 ( ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>

### ***Kontribuzzjoni finanzjarja***

- (25) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat tal-Greċja huwa EUR 36 189 617 035. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġhla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Greċja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>10</sup> u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat għall-Greċja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 18 220 378 076. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Greċja tibqa' l-istess.

### ***Self***

- (26) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għall-Greċja li jammonta għal EUR 17 727 538 920 jibqa' l-istess.
- (27) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li għalhekk tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.

---

<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

- (28) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura marbuta mal-ġoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħliel-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tneħħix il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna mill-Istat potenzjali lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

*Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat*

Il-valutazzjoni tal- pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat għall-Greċja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

*Artikolu 2*

*Emendi*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

*Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---